**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**8 ta' Awwissu, 2022**

**Rikors Numru 16/2022**

**Mary Paris**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet u l-Uffiċju Konġunt**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Mary Paris** ippreżentat fis-16 ta' Frar, 2022, li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

*Illi permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Novembru 1980 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Schriha ir-raġel tar-rikorrenti, il-mejjet Nicholas Paris, xtara "s-subdirett dominju temporaneu u annwu temporaneu subcanone relattiv ta' għoxrin lira Maltin għal żmien 17-il sena mill-ewwel ta' Marzu elf disa' mija sebgħa u sebgħin impost fuq il-fond tas-Sliema, Saint Nicholas Street, numru erbgħin, u is-sussegwenti utile dominju temporaneu tal-istess fond għal żmien ċirka wieħed u ħamsin sena oħra bħala soġġett għaċ-ċens annwu u temporaneu ta' lira u ħmistax-il ċenteżmu", kopja tal- kuntratt anness u mmarkat DOK A;*

*Illi fl-24 ta' Novembru 2020 ir-rikorrenti Mary Paris u żewġha Nicholas Paris issottomettew applikazzjoni taħt l- iSkema 2019 Għax-Xiri tad-Dirett Dominju Temporanju (DDT) ta' Propjeta' tal-Gvern jew Propjeta' mikrija użata bħala residenza ordinarja jew villeġġatura, fir-rigward tal- fond 40, Triq San Nikola, Sliema;*

*Illi fil-mori tal-iproċċessar ta' din l-applikazzjoni, ir-raġel tar-rikorrenti Nicholas Paris ġie nieqes u ħalla bħala werrieta universali tiegħu lir-rikorrenti Mary Paris;*
*Illi l-Awtorita' tal-Artijiet ġiet notifikata b'dan b'ittra datata 12 t'Awwissu 2021, kopja annessa u mmarkata bħala DOK B;*

*Illi fl-1 ta' Frar 2022 it-tifel tar- rikorrenti Joseph Paris, għan-nom tar-rikorrenti, ġie notifikat personalment bid- deċiżjoni ta' rifjut tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita' tal-Artijiet datata 25 ta' Jannar 2022, u dan peress illi skont l-intimati "ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti tal-iskema tal- 2019", kopja tal- ittra annessa u mmarkata DOK C;*

*Illi l-esponenti ħassitha aggravata mill- imsemmija deċiżjoni u bil- preżenti qiegħda tinterponi l-umli appell tagħha quddiem dan it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva;*

*Illi l-aggravji huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fis- segwenti:*

*1. Illi fl-ewwel lok, il-Bord tal-Awtorita' tal-Artijiet ma għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti u dan stante illi l-esponenti tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-iskema 2019. Filfatt l-iskema titlob illi sabiex applikant jikkawalifika irid jissodisfa dawn ir-rekwiżiti:*

*"3. L-applikant irid ikun persuna li:*
*(i) hija ċittadin tal-Unjoni Ewropeja;*
*(ii) hija rikonoxxuta mill- Gvern bħala l-attwali utilista jew kerrej tal- fond relattiv, jew tal- inqas tagħti prova tat-talba tagħha għar-rikonoxximent;*
*(iii) m'għandhiex arretrati ta' ċens/kera fuq il- fond relattiv"*

*Illi tali rekwiżiti huma sodisfatti fl-intier tagħhom mir-rikorrenti, kif jixhdu l-kopji tal-aħħar irċevuti annessi u mmarkati bħala Dok D 1 u D 2 rispettivament.*

*Illi l-applikazzjoni daparti tar-rikorrenti u żewġha saret bl-intendiment li dan il-fond jibqa' jintuża bħala villeġatura, bil- kelma villeġġatura mfissra fl-iskema bħala " bini jew parti minn bini, mibni jew addattat struttralment biex jiġi okkupat bħala abitazzjoni separata minn dik ordinarja tal- applikant u li ma jsirx jew qatt ma sar kummerċ minnu mill- applikant". Il-kelma kummerċ timplika forma ta' użu tal- fond li jrendi qliegħ lill-applikanti;*

*Illi filfatt meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni il-fond in kwistjoni kien vakanti u ma kienx qed isir kummerċ minnu. Ir-rikorrenti kienet qed tuża dan il- fond flimkien mal-familja tagħha biex iqattgħu xi ġranet fih;*

*2. Illi fit-tieni lok, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni mogħtija mill- Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal- Artijiet mhijiex motivata u r-raġuni mogħtija hija wisq vaga bi ksur lampanti tal- liġi u tal- prinċipji ta' amministrazzjoni tajba tal- ġustizzja;*

*Illi kif ingħad mill- istess Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-sentenza tiegħu datata 6 ta' Novembru 2018, Rikors Numru 42/2018 Annabel Falzon v l-Awtorita' tal- Artijiet:*

***"Iċ-ċittadin m'għandux għalfejn joqgħod jassumi x'kien hemm wara r-raġunar tal-Awtorita`. Mid-deċiżjoni komunikata lilu għandu mill-ewwel jifhem ir-raġuni wara r-rifjut ħalli dan ipoġġih f'posizzjoni li jkun jista' jappella fuq punti speċifiċi u mhux jispara fid-dlam. Filwaqt li t-Tribunal jirrikonoxxi li l-Bord tal-Gvernaturi mhux xi qorti jew tribunal, xorta waħda irid isegwi prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba, fosthom li jagħti raġunijiet ċari u suffiċjenti li jissodisfaw lil min ikun qiegħed jirċievi d-deċiżjoni biex ikun jista' jifhem irratio deċidendi tal-istess Awtorita`. "***

*Illi l-istess ingħad fis- sentenza datata 13 ta' Frar 2020, Rikors Numru Rikors Numru 75/2019 Kenneth Tabone Vs Awtorita` tal-Artijiet kif presudta mill-Maġistrat Dr Charmaine Galea:*

***"Illi dan it-Tribunal jirrileva illi l-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Awtorita` intimata ma huwiex "tribunal amministrattiv" u għalhekk artikolu 2 tal-Kapitolu 490 ma japplikax għalih. Madankollu, kif ingħad diversi drabi, deċiżjonijiet ammistrattivi għandhom ikunu motivati ħalli min iħossu aggravat bid-deċiżjoni jifhem sew għala l-awtorita` pubblika tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha."***

*Illi l-istess Tribunal fid-deċiżjoni datata 23 ta' Settembru 2020, Rikors Numru 19/2021 Darrel Micallef v Awtorita' tad- Djar qal b'mod skjett illi:*
***"Tribunal Amministrattiv għandu jagħti, <u>b'mod biżżejjed ċar</u>, il-motivi li fuqhom tkun mibnija deċiżjoni".*** *(enfasi miżjuda mir- rikorrenti)*

*Illi d-deċiżjoni datata 25 ta' Jannar 2022 notifikata lir- rikorrenti żgur li ma tispjegax b'mod ċar ir-raġuni li abbażi tagħha ġiet rifjutata stante illi l-iskema titlob numru ta' rekwiżiti u għalhekk il- frażi "peress illi ma jinkkonkorrux ir-rekwiżiti tal-iskema tal- 2019" hija wisq vaga.*

*Għaldaqstant ir- rikorrent umilment jitolbu lill- Onoroabbli Tribunal sabiex:*

1. *Jirrevoka, jħassar u jannulla d-deċiżjoni li ttieħdet kif kontenuta fl-ittra datata 25 ta' Jannar 2022 kontra l-esponenti u li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti*
2. *Jiddikjara li r-rikorrent għandha tibbenefika mill-Iskema għal dak li għandu x'jaqsam max-xiri tad- dirett dominju temporanju tal- Propjetajiet;*
3. *Jordna lill-appellati jew minn minnhom sabiex fid-dawl tat- tieni talba, jipproċessaw tali applikazzjoni;*
4. *Jimponi kwalunkwe ordni oħra li t-Tribunal jista' jqis xieraq li jimponi fiċ-ċirkostanzi.*

Ra illi l-intimati ma ppreżentawx risposta;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilha permezz ta' ittra datata 25 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha ġiet mgħarrfa illi l-applikazzjoni tagħha għall-fidi ta' ċens tal-fond numru 40, Triq San Nikola, Sliema kienet ġiet rifjutata peress li ma kinux jikkonkorru r-rekwiżiti tal-iskema tal-2019.

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrenti jirriżulta illi permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Novembru 1980, żewġha Nicholas Paris kien akkwista *"s-subdirett dominju temporaneu u annwu temporaneu subcanone relattiv ta' għoxrin lira Maltin għal żmien sbatax-il sena mill-ewwel ta' Marzu elf disa' mija sebgħa u sebgħin impost fuq il-fond tas-Sliema, Saint Nicholas Street, numru erbgħin, u is-sussegwenti utile dominju temporaneu tal-istess fond għal żmien ċirka wieħed u ħamsin sena oħra bħala soġġett għaċ-ċens annwu u temporaneu ta' lira u ħmistax-il ċenteżmu"*. Ir-rikorrenti tispjega li ċertu Lorenza Muscat kienet snin qabel tgawdi kirja fuq l-istess fond, liema kirja kienet ġejja minn għotja ta' ċens, liema ċens ġie konvertit għal kirja *ex lege*. Tispjega li però l-imsemmija Muscat kienet ġiet nieqsa u llum il-fond huwa battal tant li ċ-ċwievet tiegħu huma fil-pussess tagħhom.

Joseph Paris, iben ir-rikorrenti, spjega illi l-inkwilina kienet waqfet tħallas il-kera fl-2017 u għalkemm hu u missieru ppruvaw jaraw x'sar minnha, meta kienu jmorru jħabbtulha ma kien jiftaħ ħadd. Għalhekk fl-2019 kien waħħal ittra mal-bieb tal-fond in kwistjoni sabiex tintradd iċ-ċavetta u li fin-nuqqas kienu se jkellmu avukat. Sussegwentement kienet marret persuna, li identifikat ruħha bħala l-kuġin tal-inkwilina, li rritornalhom iċ-ċavetta u informahom li kienet mietet.

Illi minkejja li l-Awtorita` intimata hija kontumaċi, dan it-Tribunal ħass li għandu jikseb informazzjoni dwar ir-raġuni għala l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet ġiet miċħuda. Dana għaliex fil-verita` l-Awtorita` ma tat ebda raġuni speċifika liema rekwiżiti ma kinux sodisfatti. Illi jingħad mill-ewwel illi d-deċiżjoni appellata hija waħda nieqsa għal kollox minn dak il-minimu ta' motavizzjoni li kull awtorità pubblika hija dovuta li tagħmel fid-deċiżjonijiet tagħha. L-istess nuqqas jirriżulta mill-minuta esebita tal-Bord tal-Gvernaturi. Illi deċiżjoni amministrattiva tajba ċertament teħtieġ tagħti minimu ta' informazzjoni li abbażi tagħha wieħed ikun jista' jistrada ruħu f'każ li jrid jappella. Kien biss fil-mori ta' dan l-appell, u fuq inizjattiva tat-Tribunal, li r-raġuni tar-rifjut ġiet a konoxxenza tar-rikorrenti. Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni appellata ma hix waħda sostanzjalment valida. Pero` dan it-Tribunal, minkejja li minn issa esprima ruħu dwar l-invalidita`

tal-istess deċiżjoni, xorta se jkun qed jidħol fil-mertu għax iqis li hu doveruż li jagħmel dan.

Dr. Corinne Micallef Żammit Grimaud, avukat mal-Awtorita` intimata, spjegat illi hija kienet il-persuna li ħadmet fuq l-applikazzjoni odjerna. Tispjega li fil-passat diġà kien hemm talba għall-fidi dwar l-istess fond, liema talba kienet ġiet rifjutata peress li l-fond kien mikri. Tispjega li għalkemm l-Awtorita` kienet ġiet a konoxxenza li l-inkwilina kienet ġiet nieqsa, l-Awtorita` ma setgħetx tilqa' l-applikazzjoni għaliex il-fond ma riedx ikun użat fil-passat għal skopijiet kummerċjali. Ix-xhud qalet li anke ċens li jkun ġie konvertit f'kirja jitqies bħala kirja kummerċjali. F'seduta ulterjuri x-xhud spjegat illi l-informazzjoni li ċertu Lorenza Muscat kienet qiegħda tirrisjedi fil-fond in kwistjoni kienu ħaduha mis-CDB.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Iskema tal-2019 għax-xiri tad-dirett dominju temporanju ta' residenza jew villeġjatura fetħet fl-1 ta' Ottubru 2019 u għadha hekk miftuħa sal-lum. Kopja tal-kundizzjonijiet tal-istess Skema ġiet ippreżentata mir-rikorrenti u tinsab esebita a fol. 69 *et sequitur.*

Illi skont l-imsemmija Skema "villeġġjatura" tfisser *"bini jew parti minn bini, mibni jew adattat strutturalment biex jiġi okkupat bħala abitazzjoni separata minn dik ordinarja tal-applikant u li ma jsirx jew qatt sar kummerċ minnu mill-applikant."*

Illi skont il-linji gwida tal-istess Skema, applikant li jrid jifdi ċ-ċens ta' villeġġjatura, irid jissottometti mal-applikazzjoni tiegħu, fost affarijiet oħra, dikjarazzjoni ġuramentata li l-fond huwa użat bħala tali, u li qatt ma ntuża mill-applikant għall-kummerċ.

Illi skont kif fehem dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata ċaħdet l-applikazzjoni odjerna għaliex skont hi fil-passat l-istess fond kien mikri lil terzi. Għalhekk fl-opinjoni tal-istess Awtorita` dan jammonta għal kirja kummerċjali u kwindi jiskwalifika lir-rikorrenti milli tapplika għal din l-Iskema.

Illi t-Tribunal jibda billi jagħmel referenza għall-*case officer report* esebit a fol. 38 tal-proċess li abbażi tiegħu saret rakkomandazzjoni sabiex l-applikazzjoni tiġi rifjutata stante li *"the property is not in a habitable state and was previously resided in by Ms Lorenza Muscat although belonging to Mr Nicholas Paris as per CDB extract at Red 17."*

Illi jibda biex jiġi nnotat illi quddiem dan it-Tribunal ma rriżultax illi qatt saret xi spezzjoni da parti tal-Awtorita` intimata. Kwindi kif il-*case officer* waslet għall-konkluzzjoni li l-fond ma kienx fi stat abitabbli huwa misteru. Li ma saritx ebda spezzjoni huwa konfermat mill-*case officer* innifisha Dr. Corinne Micallef Żammit

Grimaud li spjegat li l-uniku "spezzjoni" li saret kienet abbażi tad-dettalji tas-CDB. Fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-kirja favur Lorenza Muscat tiskwalifikax jew le lir-rikorrenti milli tapplika tħat l-Iskema se tiġi trattata iktar 'il quddiem.

Dan ifisser illi l-Bord tal-Gvernaturi kellu quddiemu *case officer report*, liema rapport irrakkomanda r-rifjut, li kien fih raġuni li ma kinitx korretta in kwantu qatt ma ġie verifikat l-istat tal-fond.

Illi ċċarat dan il-punt, dan it-Tribunal se jgħaddi biex jiddetermina jekk l-Awtorita` intimata kinitx raġjonevoli meta qieset li bil-kirja favur Lorenza Muscat, Nicholas Paris kien għamel użu kummerċjali mill-imsemmi fond.

Illi kif inhu ben magħruf, kirja tista' tkun waħda residenzjali jew kummerċjali. Dawk residenzjali huma regolati taħt diversi liġijiet, fosthom il-Kapitolu 69, il-Kapitolu 158, il-Kapitolu 16 u l-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-każ in eżami jirriżulta illi permezz ta' skrittura datata 31 ta' Ottubru 1993, iċ-ċens li kien igawdi l-inkwilin tal-fond in kwistjoni ġie konvertit f'kera bi ħlas ta' erbgħin lira (Lm40) fis-sena dekorribbli mill-1 ta' Marzu 1994. Illi minn qari ta' din l-iskrittura huwa ċar li l-istess skrittura saret minħabba l-esiġenzi stipulati f'Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta fejn persuna li tkun ċittadin Malti u li tkun qed tirrisjedi f'fond b'titolu ta' ċens temporanju setgħet tibqa' tgħix fl-istess fond b'titolu ta' kera. Illi kif ġie ritentut f'diversi sentenzi kostituzzjonali, din il-liġi kienet tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem għaliex il-kirja kienet qed tiġi sfurzata fuq is-sid. Din is-sitwazzjoni ġiet riveduta permezz tal-introduzzjoni ta' emendi fil-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta fl-2018 u fl-2021.

Illi t-Tribunal jinnota li fl-Iskema in kwistjoni ma hemmx definizzjoni ta' xi tfisser il-kelma "kummerċ" u kwindi hija suġġett għad-diskrezzjoni tal-Awtorita` intimata xi tqis li hu "użu kummerċjali". Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata ma hijiex tagħti interpretazzjoni raġjonevoli lill-frażi **"qatt ma ntuża mill-applikant għall-kummerċ"**. Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn kirja kummerċjali u kirja residenzjali kif inhi dik preżenti. Illi t-Tribunal josserva illi meta għalaq il-perjodu ta' ċens konċess lill-familja Muscat, Nicholas Paris ma kellu ebda alternattiva oħra ħlief li jaċċetta li l-inkwilini li kien hemm fil-fond in kwistjoni jibqgħu jgħixu hemm b'titolu ta' kera. Ċertament meta wieħed jara l-ammont ta' kera li kienet tiġi perċepita, din ma tistax tiġi ikklassifikata bħala xi forma ta' kummerċ li sar da parti tar-raġel tar-rikorrent. Illi fil-fehma tat-Tribunal fejn jidħlu kirjiet ta' fondi residenzjali qabel l-1995, l-Awtorita` għandha teskludi tali kirjiet milli jitqiesu bħala użu kummerċjali da parti tas-sid u dan għaliex sid ta' proprjeta` li qed tiġi sfurzata fuqu kirja ma jistax jiġi kkunsidrat illi qiegħed jagħmel użu kummerċjali liberu mill-fond proprjeta` tiegħu. Illi għaldaqstant fuq dan il-punt u f'dan il-każ partikolari, it-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata ma kinitx raġjonevoli fl-interpretazzjoni tagħha tar-rekwiżit li ma jkunx sar użu kummerċjali tal-fond li dwaru saret l-applikazzjoni.

Illi, di piu`, kif diġà ġie aċċennat iktar 'il fuq, id-deċiżjoni appellata hija priva minn kwalunkwe motivazzjoni li abbażi tagħha l-Bord tal-Gvernaturi waslu għaliha. Illi kif dan it-Tribunal kellu l-okkażjoni jesprimi ruħu f'diversi sentenzi, awtorità` pubblika trid timmotiva d-deċiżjoni tagħha u mhux tħalli lil min jirċieviha fl-għama. Illi huwa għal kollox inopportun dak li xehdet Dr. Corinne Żammit Micallef Grimaud illi r-rikorrenti setgħet tinduna waħedha x'kienu r-raġunijiet għaliex diġà kellha talba preċedenti miċħuda fuq l-istess raġunijiet. Iċ-ċittadin m'għandux għalfejn jitkarrab sabiex isir jaf abbażi ta' liema raġuni ttieħdet deċiżjoni fil-konfront tiegħu. Malli persuna tirċievi deċiżjoni, hija għandha tkun f'posizzjoni li tevalwa x'inhuma l-possibiltajiet tagħha ta' appell u mhux tiskopri biss meta jitla' rappreżentant jixhed quddiem dan it-Tribunal x'sawwar id-deċiżjoni tal-istess Awtorita`.

Dan it-Tribunal jagħmel referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti Suprema tal-Irlanda fl-ismijiet ***Mallak v. Minister for Justice, Equality and Law Reform*** fis-6 ta' Diċembru 2012 fejn intqal is-segwenti:

*66. In the present state of evolution of our law, it is not easy to conceive of a decision-maker being dispensed from giving an explanation either of the decision or of the decision-making process at some stage. The most obvious means of achieving fairness is for reasons to accompany the decision. However, it is not a matter of complying with a formal rule: the underlying objective is the attainment of fairness in the process. If the process is fair, open and transparent and the affected person has been enabled to respond to the concerns of the decision-maker, there may be situations where the reasons for the decision are obvious and that effective judicial review is not precluded.*

*67. Several converging legal sources strongly suggest an emerging commonly held view that persons affected by administrative decisions have a right to know the reasons on which they are based, in short to understand them.*

*68. It has to be regarded as significant that s. 18(1) of the Freedom of Information Act, 1997, though principally concerned with the provision of information to the public, envisages that public bodies will give reasons for their decisions at the request of an affected person.*

*69. Article 296 of the Treaty on the Functioning of the European Union provides that "[l]egal acts shall state the reasons on which they are based……" Article 41 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union provides that every person benefits from what is called in the heading the "Right to Good Administration," which includes "the obligation of the administration to give reasons for its decisions." In a judgment delivered as recently as 15th November 2012, the Court of Justice in Case C-417/11 Council v Bamba, the Court explained the purpose of the provision as follows: "The purpose of the obligation to state the reasons on which an act adversely affecting an individual is based, which is a corollary of the principle of respect for the rights of the defence, is, first, to provide*

*the person concerned with sufficient information to make it possible to ascertain whether the act is well founded or whether it is vitiated by a defect which may permit its legality to be contested before the European Union judicature and, second, to enable that judicature to review the legality of that act."*

*70. The decision of the Court of Appeal in England in R. v. Secretary of State ex parte Fayed [1998] 1 W.L.R. 763 is of more than passing interest, because it concerned an application for naturalisation, even if under the rather different statutory regime in force in that jurisdiction. The applicants were very well-known, if to some extent controversial, businessmen with substantial commercial interests in the United Kingdom. They had lived in the United Kingdom for a number of years and had been given indefinite leave to remain. They applied in due form for naturalisation, but their applications were refused by the Secretary of State, who, in a decision described as "terse in the extreme," declined to give his reasons (see Lord Woolf M.R. page 768). In fact, s. 44(2) of the British Nationality Act, 1981 dispensed the Secretary of State from any obligation to "assign any reason for the grant or refusal of any application." Lord Woolf, who delivered one of the majority judgments remarked on the damaging implications for the Fayeds of the refusal of their application. Before addressing the obviously difficult question of the need for reasons, he remarked, at page 773: "Apart from the damaging effect on their reputations of having their applications refused the refusals have deprived them of the benefits of citizenship. The benefits are substantial. Besides the intangible benefit of being a citizen of a country which is their and their families' home, there are the tangible benefits which include freedom from immigration control, citizenship of the European Union and the rights which accompany that citizenship - the right to vote and the right to stand in parliamentary elections. The decisions of the minister are therefore classically ones which but for section 44(2) would involve an obligation on the minister making the decision to give the Fayeds an opportunity to be heard before that decision was reached."*

*71. He commented that "[e]xcept where non-compliance with a formal requirement, other than that of good character, is being relied on, unless the applicant knows the areas of concern which could result in the application being refused in many cases, and especially this case, it will be impossible for him to make out his case." He thought that the "result could be grossly unfair." Two notable things about these passages are, firstly, the absence of any suggestion that the applicants were deserving of any diminished standard of review because they were, in effect, seeking the privilege of UK citizenship and, secondly, the unfairness of failing to acquaint the applicants of the Secretary of State's "areas of concern."*

*72. Lord Woolf dealt with the reasons issue as follows: "I have already indicated that at common law there is no universal obligation to give reasons but despite this I would certainly regard this as a case where reasons should be given but for section 44 (2). However in the light of the express prohibition on requiring the Secretary of State to give reasons I would not myself regard this as a case where the need for reasons is so essential that fairness cannot be achieved without*

*reasons as long as an applicant has been given sufficient information as to the subject matter of the decision to make such submissions as he wishes."*

*73. Phillips L.J. expressed the view, at page 787, that "the courts have been increasingly ready to find that such a duty [to give reasons] exists." The court held that the decisions of the Secretary of State had been reached unlawfully and they were quashed.*

*74. It might be thought unnecessary to call in aid this parallel development of the law in the United Kingdom. The developing jurisprudence of our own courts provides compelling evidence that, at this point, it must be unusual for a decision maker to be permitted to refuse to give reasons. The reason is obvious. In the absence of any reasons, it is simply not possible for the applicant to make a judgment as to whether he has a ground for applying for a judicial review of the substance of the decision and, for the same reason, for the court to exercise its power. At the very least, the decision maker must be able to justify the refusal. No attempt has been made to do so in the present case and I believe it would be wrong to speculate about cases in which the courts might be persuaded to accept such justification.*

Illi t-Tribunal, kif ġia` esprima ruħu iktar 'il fuq, jaqbel ma' din il-linja ta' ħsieb u għaldaqstant jirrileva illi anke minn dan l-aspett, id-deċiżjoni appellata hija monka.

Illi finalment, it-Tribunal jagħmel referenza għat-tieni u t-tielet talba u jirrileva illi dak li qed titlob ir-rikorrenti permezz tal-istess talbiet jistgħu biss jiġu indirizzati mill-awtorita` kompetenti u dana għaliex dan it-Tribunal ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Awtorita`. Madanakollu it-Tribunal jifhem li l-Awtorita` intimata għandha tieħu in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq meta tiġi biex terġa' tevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, it-Tribunal qiegħed jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 25 ta' Jannar 2022 filwaqt li jiċħad it-tieni u t-tielet talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**